MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2006

Numru 117/2006

**App Nru 117/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lucy Saliba**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lucy Saliba (d.t.t. 24/10/64, numru tal-karta ta' l-identita` 41764(G)) talli nhar it-23 ta' Novembru 2005 ghall-habta tat-3.15 pm fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex (**1**) insulentat u/jew heddedt lil Maria Cini miz-Zebbug, Ghawdex, u aktar (**2**) talli saret recidiva b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tnejn datati 1.9.2005 u wahda datata 27.10.2005 liema sentenzi saru definittivi ma jistghux jigu mhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Lucy Saliba hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannata gimghatejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Lucy Saliba, minnha presentat fil-5 ta’ April 2006, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta’ Lulju 2006; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-10 ta’ Lulju 2006 l-abbili difensur tal-appellanti, l-Avv. Dott. Angelo Farrugia ippreciza – u dan fuq stedina tal-Qorti – li l-aggravji ta’ l-appellanti kienu fil-fatt tnejn, u cioe` (1) li l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-istess Saliba hatja kif sabitha peress li kien hemm konflitt manifest ta’ provi, u (2) li l-piena fil-kaz kienet eccessiva.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, hi tal-fehma li s-sejbien ta’ htija da parti ta’ l-ewwel qorti kien ampjament gustifikat. Din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, ma ghandhiex dubbju li l-appellanti qalet il-kliem, intiz li jinstema’ minn Maria Cini – u li fil-fatt instema’ minnha – “Jien qabel ma noqtlok ma nistriehx”. Din hi kjarament theddida. Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei,

**“La ‘minaccia’… consiste nel prospettare ad una persona un male futuro, il cui avverarsi dipende dalla volonta` dell’agente. Non basta annunciare la possibilita` che si verifichi un male: bisogna che su tale male l’agente possa influire, e cioe` che esso possa essere da lui determinato o non impedito.”** [1]

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din ukoll tirrizulta pruvata mill-kopji tas-sentenzi ezibiti a fol. 4, 6 u 8 tal-atti. F’dan il-

[1] Antolisei, F., **Manuela di Diritto Penale – Parte Specale I**, Giuffre` (Milano), 1986, p. 126.

kaz, ir-recidiva hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 53 tal-Kodici Kriminali, u cioe` ta' meta, wara li persuna tigi kkundannta ghal kontravvenzjoni taghmel kontravvenzjoni ohra fi zmien tlett xhur "mill-jum li fih tiskonta jew tigi mahfura l-piena".

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, din il-Qorti tifhem – u dan jinsab evidenzjat ukoll kemm mill-fedina penali ezibita kif ukoll mis-sentenzi appena msemmija – li bejn l-appellanti u Maria Cini hemm gwerra shiha ghaddejja. Minkejja dan, u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, din il-Qorti mhix tal-fehma li, <u>ghall-anqas ghal din id-darba</u>, l-appellanti ghandha tigi inkarcerata. Minflok, b'applikazzjoni ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 53 ga msemmi, din il-Qorti ser tapplika l-piena tal-multa minflok dik tad-detenzjoni, bit-tama li l-apellanti tifhem li jekk tibqa' sejra b'din l-attitudini aggressiva (biex wiehed ma jghidx ukoll ossessiva) taghha lejn haddiehor, hija ser tispicca hazin, u fl-ahhar il-qrati jkollhom jirrikorru ghas-sanzjoni tal-inkarcerazzjoni, anke jekk fil-forma teknikament anqas gravuza tad-detenzjoni flok tal-prigunerija.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata u konsegwenetement, filwaqt li tikkonferma l-imsemmija sentenza in kwantu ghas-sejbien ta' htija dwar iz-zewg imputazzjonijiet kif dedotti, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellanti giet ikkundannata gimghatejn detenzjoni u minflok tikkundannaha thallas multa ta' mija w hamsin lira (Lm150), konvertbbli fi tletin (30) gurnata prigunerija f'kaz nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2006 quddiem il-Qorti Inferjuri u ghall-kundanna ta' multa ta' ghoxrin lira ghal disprezz *in faciem curiae*, u dana sabiex l-imsemmija Registratur tiehu hsieb tigbor din il-multa – kemm-il darba ghadha ma thallsitx – skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------